Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0363(COD)

10.1.2024

EMENDI
79 - 148

Abbozz ta' rapport
Othmar Karas
(PE757.366v01-00)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) Nru 2021/523 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investiment

Proposta għal regolament
(COM(2023)0593 – C9-0383/2023 – 2023/0363(COD))

Emenda **79**
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' monitoraġġ xieraq u ta' infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop maħsub tagħhom u ***biex jiġi limitat il-piż amministrattiv***.	(1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' monitoraġġ xieraq u ta' infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop maħsub tagħhom u ***tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn, anke għall-awtoritajiet regolatorji u superviżorji tal-ġuriżdizzjonijiet finanzjarji iżgħar***.

Or. en

Emenda 80
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni jistgħu jimponu wkoll piżijiet sproporzjonati fuq il-partijiet interessati u jistgħu jkunu partikolarment ta' piż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew għall-mikrointrapriżi;

Or. en

Emenda 81
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għalhekk, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar ***u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huma*** prijorità, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fis-settur finanzjarju u fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar relatat mal-Programm InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] .	(2) Għalhekk, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar ***mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi ta' politika hija*** prijorità, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fis-settur finanzjarju u fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar relatat mal-Programm InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].
[3] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).	[3] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Or. en

Emenda 82
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Għalhekk,*** is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huma prijorità, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fis-settur finanzjarju u fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar relatat mal-Programm InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] .	(2) Is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huma prijorità, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fis-settur finanzjarju u fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar relatat mal-Programm InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].
[3] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).	[3] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Emenda 83
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010[4] , (UE) Nru 1093/2010[5] , (UE) Nru 1094/2010[6] , (UE) Nru 1095/2010[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) 2021/523 fihom għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar li jenħtieġ li jiġu ssimplifikati***, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[8]***.	(3) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010[4] , (UE) Nru 1093/2010[5] , (UE) Nru 1094/2010[6] , (UE) Nru 1095/2010[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) 2021/523 fihom għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar li jenħtieġ li jiġu ssimplifikati***. Dan huwa eżerċizzju kwalitattiv u mhux kwantitattiv***.
[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).	[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).
[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).	[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ***u*** li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).
[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).	[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ***u*** li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

[8] COM(2023)168.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

[8] COM(2023)168.

Or. en

Emenda 84
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Dan l-eżerċizzju m'għandu jimmina ebda waħda mill-kisbiet tal-politika tal-UE u, b'mod partikolari, jirrikonoxxi d-domanda dejjem akbar ta' data meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-fajls leġiżlattivi li jappartjenu għall-aġenda dwar il-finanzi sostenibbli. Madankollu, il-konsistenza u l-istandardizzazzjoni fl-oqfsa legali kollha, fil-ġuriżdizzjonijiet kollha u maż-żmien jistgħu jagħmlu r-rekwiżiti aktar fattibbli mingħajr ma jaffettwaw il-kontenut reali tal-istandards tar-rapportar.

Or. en

Emenda 85
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Id-diverġenzi tad-data bejn l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu analizzati wkoll b'mod kwalitattiv. B'mod partikolari, xi leġiżlazzjonijiet tal-UE, minħabba l-bażi legali tagħhom, huma maħsuba biex jipprovdu armonizzazzjoni parzjali jew minima. Barra minn hekk, xi standards tar-rapportar huma volontarji jew isegwu reġim ta' inklużjoni fakultattiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw l-aħjar prattiki jew ikunu minn ta' quddiem fir-rekwiżiti ta' rapportar, dment li jaderixxu mar-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 86
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra attivi fis-swieq finanzjarji huma meħtieġa jirrapportaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni biex l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jissorveljaw is-sistema finanzjarja jkunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq, u jipproteġu lill-investituri u lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jirrieżaminaw regolarment ir-rekwiżiti ta' rapportar u jipproponu, meta xieraq, li jissimplifikaw u jneħħu rekwiżiti żejda jew obsoleti. ***Huma*** jenħtieġ li jikkoordinaw din il-ħidma permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura mill-	(4) L-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra attivi fis-swieq finanzjarji huma meħtieġa jirrapportaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni biex l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jissorveljaw is-sistema finanzjarja jkunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq, u jipproteġu lill-investituri u lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jirrieżaminaw regolarment ir-rekwiżiti ta' rapportar u jipproponu, meta xieraq, li jissimplifikaw u jneħħu rekwiżiti żejda jew obsoleti. ***Tabilħaqq, tali ħidma jenħtieġ li titwettaq fuq bażi permanenti, speċjalment permezz ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari li għalihom, skont kif ikun neċessarju, jenħtieġ li jiġu allokati aktar riżorsi***

awtoritajiet, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tad-data, is-segretezza professjonali u l-proprjetà intellettwali, jenħtieġ li jnaqqas il-piż fuq l-entitajiet ta' rapportar u fuq l-awtoritajiet billi jiġu evitati talbiet duplikati, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet superviżorji u għal konverġenza superviżorja.

umani u materjali sabiex jiġi żgurat li d-duplikazzjoni u r-rekwiżiti żejda u obsoleti jiġu eliminati kemm jista' jkun malajr u bl-akbar ħeffa. L-ASEs jenħtieġ li jikkoordinaw din il-ħidma permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tad-data, is-segretezza professjonali u l-proprjetà intellettwali, jenħtieġ li jnaqqas il-piż fuq l-entitajiet ta' rapportar u fuq l-awtoritajiet billi jiġu evitati talbiet duplikati, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet superviżorji u għal konverġenza superviżorja.

Or. en

Emenda 87
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra attivi fis-swieq finanzjarji huma meħtieġa jirrapportaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni biex l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jissorveljaw is-sistema finanzjarja jkunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq, u jipproteġu lill-investituri u lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jirrieżaminaw regolarment ir-rekwiżiti ta' rapportar u jipproponu, meta xieraq, li jissimplifikaw u jneħħu rekwiżiti żejda jew obsoleti. Huma jenħtieġ li jikkoordinaw	(4) L-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra attivi fis-swieq finanzjarji huma meħtieġa jirrapportaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni biex l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jissorveljaw is-sistema finanzjarja jkunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq, u jipproteġu lill-investituri u lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ***u l-Awtorità Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AMLA)*** jenħtieġ li jirrieżaminaw regolarment ir-rekwiżiti ta'

din il-ħidma permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. ***L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni*** u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tad-data, is-segretezza professjonali u l-proprjetà intellettwali***,*** ***jenħtieġ li jnaqqas*** il-piż fuq l-entitajiet ta' rapportar u fuq l-awtoritajiet billi jiġu evitati talbiet duplikati, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet superviżorji u għal konverġenza superviżorja.	rapportar u ***divulgazzjoni u*** jippproponu, meta dan ikun xieraq, li jissimplifikaw u jneħħu rekwiżiti żejda***,*** obsoleti ***jew sproporzjonati***. Huma jenħtieġ li jikkoordinaw din il-ħidma permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. ***Huma jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni*** u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tad-data, is-segretezza professjonali u l-proprjetà intellettwali ***u jitnaqqas*** il-piż fuq l-entitajiet ta' rapportar u fuq l-awtoritajiet billi jiġu evitati talbiet duplikati, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet superviżorji u għal konverġenza superviżorja.
	Or. en

Emenda 88
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni fis-settur finanzjarju kollu, l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju, inklużi l-BERS, l-ASE, l-AMLA, l-MSU, l-SRB, kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti, superviżorji u ta' riżoluzzjoni rispettivi kollha fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju.
	Or. en

Emenda 89
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jivvalutaw l-għażliet ta' politika biex jintegraw aktar il-proċessi ta' rapportar minn perspettiva proċedurali u ta' kontenut. L-Awtorità jenħtieġ li tivvaluta kif xieraq l-opportunitajiet li jirriżultaw miż-żieda fl-użu tat-teknoloġija diġitali filwaqt li tippromwovi formati effettivi u effiċjenti li jħaddnu metriċi, metodi u parametri, li se jrawmu l-kompetittività tas-setturi tal-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni u l-irtirar okkupazzjonali.

Or. en

Emenda 90
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Xi punti ta' data li l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġu mill-kumpaniji biex jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom, għadhom mhumiex riflessi fil-qafas tar-rapportar tal-UE u jeħtieġ li jiġu miżjuda. Għalhekk, minbarra l-ħtieġa li jiġu indirizzati rekwiżiti ta' rapportar żejda, duplikati jew obsoleti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati n-nuqqasijiet regolatorji. Dan jagħmilha wkoll importanti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Or. en

Emenda 91
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Meta jkun rilevanti, l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq approċċ sekwenzjali, u dan ifisser li jkunu jistgħu jirreferu għal informazzjoni li diġà ġiet ippubblikata mill-kumpaniji fil-katina tal-valur tagħhom.

Or. en

Emenda 92
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Iċ-ċikli tal-innovazzjoni fis-settur finanzjarju qed jaċċelleraw, qed isiru aktar miftuħa u dejjem aktar kollaborattivi. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkondividu informazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi, u entitajiet oħra għall-finijiet ta' riċerka u innovazzjoni lil hinn mill-iskop inizjali li għalih tkun inġabret l-informazzjoni. Il-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet jenħtieġ li ttejjeb l-utilità tagħha billi tespandi l-informazzjoni disponibbli għar-riċerka fis-settur finanzjarju u tipprovdi aktar opportunitajiet biex jiġu ttestjati prodotti u mudelli ta' negozju kif ukoll kollaborazzjoni akbar bejn diversi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, inklużi t-teknoloġija finanzjarja, ***negozji*** ġodda u	(8) Iċ-ċikli tal-innovazzjoni fis-settur finanzjarju qed jaċċelleraw, ***u*** qed isiru aktar miftuħa u dejjem aktar kollaborattivi. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkondividu informazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi, u entitajiet oħra għall-finijiet ta' riċerka u innovazzjoni lil hinn mill-iskop inizjali li għalih tkun inġabret l-informazzjoni. Il-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet jenħtieġ li ttejjeb l-utilità tagħha billi tespandi l-informazzjoni disponibbli għar-riċerka fis-settur finanzjarju u tipprovdi aktar opportunitajiet biex jiġu ttestjati prodotti u mudelli ta' negozju kif ukoll kollaborazzjoni akbar bejn diversi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, inklużi t-teknoloġija finanzjarja, ***in-negozji*** ġodda u

istituzzjonijiet finanzjarji eżistenti. L-użu mill-ġdid tad-data kondiviża mill-awtorità kompetenti huwa regolat mill-qafas ġenerali għall-użu mill-ġdid tad-data stabbilit fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] . Madankollu, meta titqies in-natura sensittiva tad-data riċevuta għal skopijiet ta' superviżjoni mill-awtoritajiet fis-settur finanzjarju, jenħtieġ li jiġu introdotti kundizzjonijiet obbligatorji speċifiċi għall-użu mill-ġdid ta' din id-data, inkluża l-anonimizzazzjoni ta' data personali u mhux personali li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.	***l-istituzzjonijiet*** finanzjarji eżistenti. L-użu mill-ġdid tad-data kondiviża mill-awtorità kompetenti huwa regolat mill-qafas ġenerali għall-użu mill-ġdid tad-data stabbilit fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Madankollu, meta titqies in-natura sensittiva tad-data riċevuta għal skopijiet ta' superviżjoni mill-awtoritajiet fis-settur finanzjarju, jenħtieġ li jiġu introdotti kundizzjonijiet obbligatorji speċifiċi għall-użu mill-ġdid ta' din id-data, inkluża l-anonimizzazzjoni ta' data personali u mhux personali li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. ***Dan ifisser li l-proċeduri u l-passi kollha fil-ġbir, l-istandardizzazzjoni, l-anonimizzazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni tad-data se jinżammu kontinwament soġġetti għall-aħħar miżuri ta' ċibersigurtà stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.***
[9] Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).	[9] Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

Or. en

Emenda 93
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-BERS għandu jikkondividi, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-	8. Il-BERS għandu jikkondividi, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-

informazzjoni li jkun kiseb mingħand awtorità oħra msemmija fil-paragrafu 2 jew awtorità ta' membru ieħor tas-SESF fit-twettiq ta' dmirijietu, meta mitlub minn awtorità oħra minn dawk l-awtoritajiet, jew awtorità kompetenti oħra kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, jew fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] , dment li l-awtorità rikjedenti jkollha s-setgħa li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra skont id-dritt tal-Unjoni.	informazzjoni li jkun kiseb mingħand awtorità oħra msemmija fil-paragrafu 2 jew awtorità ta' membru ieħor tas-SESF fit-twettiq ta' dmirijietu, meta mitlub minn awtorità oħra minn dawk l-awtoritajiet, jew awtorità kompetenti oħra kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, jew fl-Artikolu 4, il-punt (3)**,** tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]***jew l-MSU kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, jew l-SRB***, dment li l-awtorità rikjedenti jkollha s-setgħa li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra skont id-dritt tal-Unjoni.
[10] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.	[10] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 94
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 8, 9 u 10, l-awtoritajiet imsemmija fil-	11. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 8, 9 u 10, l-awtoritajiet imsemmija fil-

paragrafu 8 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża.	paragrafu 8 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża. ***Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format standardizzat, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.***
	Or. en

Emenda 95
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 8, 9 u 10, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 8 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża.	11. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 8, 9 u 10, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 8 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża***, dment li jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettwali u s-segretezza professjonali***.
	Or. it

Emenda 96
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-BERS għandu, fuq talba ġġustifikata u fuq bażi ta' każ b'każ, jikkondividi mal-Kummissjoni jew ma' waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 8 informazzjoni li awtoritajiet oħra jkunu rrapportaw lilu skont l-obbligi tagħhom fid-dritt tal-Unjoni. Il-BERS għandu jibgħat dik l-informazzjoni f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali.	13. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-BERS għandu, fuq talba ġġustifikata u fuq bażi ta' każ b'każ, jikkondividi mal-Kummissjoni jew ma' waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 8 informazzjoni li awtoritajiet oħra jkunu rrapportaw lilu skont l-obbligi tagħhom fid-dritt tal-Unjoni. Il-BERS għandu jibgħat dik l-informazzjoni f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. ***L-awtoritajiet li jkunu ppreżentaw tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.***

Or. en

Emenda 97
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 14 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) il-partijiet ikkonċernati jkunu wrew li huma teknikament mgħammra b'għodod li kapaċi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tal-privatezza u l-kunfidenzjalità.

Or. it

Emenda 98
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 14 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.	L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***fuq din il-bażi*** bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 99
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Il-BERS għandu, sal-31 ta' Diċembru 2024, jirrapporta lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fil-leġiżlazzjoni settorjali li b'xi mod jipprevjenu lill-BERS milli jiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Abbażi ta' tali rapport u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra.

Or. it

Emenda 100
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1092/2010
Artikolu 15 – paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Il-BERS huwa mħeġġeġ ifassal rapport lill-Kummissjoni bl-ostakli għall-kondiviżjoni tad-data. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti.

Or. en

Emenda 101
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***;*** ;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni sproporzjonati,*** żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***, filwaqt li jinżammu l-użabbiltà u l-kwalità tad-data***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tal-ispejjeż ma jkunx separat minn objettivi oħra tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data, ir-rekwiżit għandu jinkludi wkoll iż-żamma tal-użabbiltà u l-kwalità tad-data.

Emenda 102
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex ***jiġu indirizzati n-nuqqasijiet regolatorji,*** jitneħħew ***ir-rekwiżiti*** ta' rapportar żejda***, duplikati*** jew obsoleti***, jiġu standardizzati tali rekwiżiti*** u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;

Or. en

Emenda 103
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 29 - paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq,	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan***

inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***;;***	***ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda***,*** ***sproporzjonati*** jew obsoleti***,*** u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***, filwaqt li jinżammu l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data.***

Or. it

Emenda 104
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda ***jew*** obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni*** żejda***,*** obsoleti ***u sproporzjonati biex*** jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;

Or. en

Emenda 105
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt	(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt

tal-Unjoni.;	tal-Unjoni ***b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tal-ġuriżdizzjonijiet finanzjarji nazzjonali***.;

Or. en

Emenda 106
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.;	e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ***u adegwatezza*** ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.;

Or. it

Emenda 107
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament UE (Nru) 1093/2010
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma titlob informazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu u bil-għan li jiġi ***evitat l-irduppjar*** tal-obbligi ta' rapportar, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura minn awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 35a(1) u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.***"***;	4. Qabel ma titlob informazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu u bil-għan li jiġi ***żgurat li ma jkun hemm ebda rduppjar*** tal-obbligi ta' rapportar, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura minn awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 35a(1) u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.;

Or. en

Emenda 108
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] , dment li l-awtorità li titlob dik l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.	1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (3)***,*** tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ***jew l-MSU kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, jew l-SRB***, dment li l-awtorità li titlob dik l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
[11] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-	[11] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-

ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 109
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 35a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża.	4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża. ***Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format standardizzat, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.***

Or. en

Emenda 110
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss bil-qbil	L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***fuq din il-***

tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.;	***bażi*** bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.;

Or. en

Emenda 111
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament UE (Nru) 1093/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità tista' tfassal rapport lill-Kummissjoni bl-ostakli għall-kondivižjoni tad-data. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Or. en

Emenda 112
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.;	— ir-rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni*** u l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.;

Or. it

Emenda 113
Erik Poulsen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1093/2010
Artikolu 80a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 80a
	L-awtorità għandha, sal-31 ta' Ġunju 2025, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-leġiżlazzjoni li ġejja:
	- ir-Regolament 2019/2088 (SFDR)
	- ir-Regolament 575/2013 (CRR)
	- ir-Regolament 596/2014 (MAR)
	B'mod aktar speċifiku, l-Awtorità għandha, meta jkun rilevanti, tivvaluta jekk il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq tikkonformax mal-prinċipji li ġejjin:
	- Jekk id-data meħtieġa mill-istituzzjoni finanzjarja għall-użu mill-awtorità kompetenti hijiex strettament neċessarja għal finijiet superviżorji
	- Jekk id-data meħtieġa mill-istituzzjoni finanzjarja għall-użu mill-awtorità kompetenti tirrispettax il-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tad-daqs u n-natura tal-attivitajiet tal-istituzzjoni finanzjarja
	- Jekk l-istess data hijiex mitluba minn leġiżlazzjonijiet differenti u jekk din id-data hijiex ikkomunikata b'mod uniformi lill-awtorità kompetenti
	- Jekk l-impatt kumulattiv tar-rekwiżiti ta' rapportar huwiex strettament meħtieġ għall-protezzjoni tal-konsumatur
	Għall-fini ta' dan ir-rapport, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
	Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025,

tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rapportar eċċessivi"

Or. en

(32010R1093)

Emenda 114
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***;*;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni sproporzjonati,*** żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***, filwaqt li jinżammu l-użabbiltà u l-kwalità tad-data***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tal-ispejjeż ma jkunx separat minn objettivi oħra tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data, ir-rekwiżit għandu jinkludi wkoll iż-żamma tal-użabbiltà u l-kwalità tad-data.

Emenda 115
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex ***jiġu indirizzati n-nuqqasijiet regolatorji,*** jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda***, duplikati*** jew obsoleti***, jiġu standardizzati tali rekwiżiti*** u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;

Or. en

Emenda 116
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.;	(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni ***filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq tal-assigurazzjoni u l-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali.***;

Or. en

Emenda 117
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] , dment li l-awtorità li titlob l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.	1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ***jew l-MSU kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, jew l-SRB***, dment li l-awtorità li titlob l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
[13] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.	[13] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 118
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 35a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża.	4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża. ***Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format standardizzat, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.***

Or. en

Emenda 119
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni. ;	L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***fuq din il-bażi*** bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni. ;

Or. en

Emenda 120
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2024, jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fil-leġiżlazzjoni settorjali li b'xi mod jipprevjenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Abbażi ta' tali rapport u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sat-30 ta' Ġunju 2025.

Or. it

Emenda 121
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità tista' tfassal rapport lill-Kummissjoni bl-ostakli għall-kondiviżjoni tad-data. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew

b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Or. en

Emenda 122
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 9a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.;	— ir-rekwiżiti ta' rapportar u ***divulgazzjoni u*** l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.;

Or. it

Emenda 123
Erik Poulsen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1094/2010
Artikolu 80a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej: :
Artikolu ***16***	"Artikolu 80a
	L-awtorità għandha, sal-31 ta' Ġunju 2025, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-leġiżlazzjoni li ġejja:
	- id-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II)
	- id-Direttiva 2022/2464 (CSRD)
	- ir-Regolament 2019/2088 (SFDR)
	- ir-Regolament 2020/852 (Regolament

dwar it-tassonomija)

- id-Direttiva 2000/31 (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku)

- ir-Regolament 2016/679 (GDPR)

- ir-Regolament 1286/2014 (PRIIPS)

- id-Direttiva 2016/97 (IDD)

- id-Direttiva 2002/87 (Direttiva dwar il-konglomerati finanzjarji)

B'mod aktar speċifiku, l-Awtorità għandha, meta dan ikun rilevanti, tivvaluta jekk il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq tikkonformax mal-prinċipji li ġejjin:

- Jekk id-data meħtieġa mill-istituzzjoni finanzjarja għall-użu mill-awtorità kompetenti hijiex strettament neċessarja għal finijiet superviżorji

- Jekk id-data meħtieġa mill-istituzzjoni finanzjarja għall-użu mill-awtorità kompetenti tirrispettax il-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tad-daqs u n-natura tal-attivitajiet tal-istituzzjoni finanzjarja

- Jekk l-istess data hijiex mitluba minn leġiżlazzjonijiet differenti u jekk din id-data hijiex ikkomunikata b'mod uniformi lill-awtorità kompetenti

- Jekk l-impatt kumulattiv tar-rekwiżiti ta' rapportar huwiex strettament meħtieġ għall-protezzjoni tal-konsumatur

Għall-fini ta' dan ir-rapport, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, proposta leġiżlattiva biex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rapportar eċċessivi"

Or. en

(02010R1094)

Emenda 124
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***;*;	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni sproporzjonati,*** żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***, filwaqt li jinżammu l-użabbiltà u l-kwalità tad-data***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżit tal-minimizzazzjoni tal-ispejjeż ma jkunx separat minn objettivi oħra tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data, ir-rekwiżit għandu jinkludi wkoll iż-żamma tal-użabbiltà u l-kwalità tad-data.

Emenda 125
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta'	(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex ***jiġu indirizzati n-***

rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;;	***nuqqasijiet regolatorji,*** jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda***, duplikati*** jew obsoleti***, jiġu standardizzati tali rekwiżiti*** u jiġu mminimizzati l-ispejjeż;

Or. en

Emenda 126
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 29 - paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***;;***	d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta ***dan ikun*** xieraq, inkluż biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar żejda***, sproporzjonati*** jew obsoleti u jiġu mminimizzati l-ispejjeż***, filwaqt li jinżammu l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data.***

Or. it

Emenda 127
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt	(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni***, mingħajr ma tillimita bla***

tal-Unjoni.;	***bżonn id-diskrezzjoni għall-aħjar prattiki nazzjonali f'konformità mal-punt (c) ta' dan il-paragrafu***.;

Or. en

Emenda 128
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew mingħand awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (3), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] , dment li l-awtorità li titlob dik l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.	1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew mingħand awtoritajiet kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom, meta mitluba mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra, mill-BERS jew mill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3), ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, jew l-awtoritajiet definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] ***jew l-MSU kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, jew l-SRB***, dment li l-awtorità li titlob dik l-informazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, ikollha d-dritt li tikseb dik l-istess informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
_____	_____

[15] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test innumru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal innumru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

[15] OP : Jekk jogħġbok daħħal fit-test innumru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal innumru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Or. en

Emenda 129
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 35a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża.	4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma jistgħu jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża. ***Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format standardizzat, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.***

Or. en

Emenda 130
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 35a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.;	L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***fuq din il-bażi*** bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.;

Or. en

Emenda 131
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2024, jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fil-leġiżlazzjoni settorjali li b'xi mod jipprevjenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Abbażi ta' tali rapport u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sat-30 ta' Ġunju 2025.

Or. it

Emenda 132
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità tista' tfassal rapport lill-Kummissjoni bl-ostakli għall-kondiviżjoni tad-data. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Or. en

Emenda 133
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 35a – paragrafu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2024, jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fil-leġiżlazzjoni settorjali li b'xi mod jipprevjenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Abbażi ta' tali rapport u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni

bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sat-30 ta' Ġunju 2025.

Or. it

Emenda 134
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 1095/2010
Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-ġbir ta' informazzjoni minn parteċipanti fis-swieq finanzjarji.;	— ir-rekwiżiti ta' rapportar u ***divulgazzjoni u*** l-ġbir ta' informazzjoni minn parteċipanti fis-swieq finanzjarji.;

Or. it

Emenda 135
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1 Fl-Artikolu 8(6), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **'**la tagħmilx ħsara sinifikanti**'**, tippermetti li:	"Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju ***"***la tagħmilx ħsara sinifikanti***" kif ukoll tad-differenzi fit-tipi ta' proġetti ta' infrastruttura***, tippermetti li:"

Or. en

(32021R0523)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi l-proporzjonalità fil-gwida tal-Kummissjoni dwar is-sostenibbiltà billi tiċċara li t-tipi ta' proġetti ta' infrastruttura għandhom jitqiesu, mingħajr ma jinbidlu l-kundizzjonijiet sottostanti.

Emenda 136
Erik Poulsen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. Fl-Artikolu 8(6), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **'**la tagħmilx ħsara sinifikanti**'**, tippermetti li:	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **"**la tagħmilx ħsara sinifikanti***" u b'kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn id-diversi tipi ta' proġetti ta' infrastruttura***, tippermetti li:

Or. en

(32021R0523)

Emenda 137
Fabio Massimo Castaldo
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. Fl-Artikolu 8(6), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-	"Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-

għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **'**la tagħmilx ħsara sinifikanti**'**, tippermetti li:	għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **"**la tagħmilx ħsara sinifikanti***" u b'kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn id-diversi tipi ta' proġetti ta' infrastruttura***, tippermetti li:"

Or. en

Emenda 138
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **'**la tagħmilx ħsara sinifikanti**'**, tippermetti li:	***-1. Fl-Artikolu 8(6), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*** "Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju **"**la tagħmilx ħsara sinifikanti***" u b'kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn id-diversi tipi ta' proġetti ta' infrastruttura***, tippermetti li:"

Or. en

Emenda 139
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test attwali	*Emenda*
. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f'konformità mal-għanijiet u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-

prinċipju ‘la tagħmilx ħsara sinifikanti’, tippermetti li:	prinċipju **“**la tagħmilx ħsara sinifikanti**”**, ***u b’kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn id-diversi tipi ta’ proġetti infrastrutturali*** tippermetti li:

Or. it

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0523&from=GA)

Emenda 140
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1a Fl-Artikolu 13(7), is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:
Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati ***mhux aktar tard minn sena wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni rilevanti ta’ finanzjament jew ta’ investiment mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni***. F’każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta’ Diċembru 2028.	Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati ***sal-31 ta’ Awwissu 2026***. F’każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta’ Diċembru 2028.

Or. en

(32021R0523)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda testendi l-iskadenza tal-iffirmar relatata mal-garanzija tal-UE, peress li l-iskadenza attwali rriżultat fi frontloading mhux iġġustifikat tal-implimentazzjoni għas-Sħab ta' Implimentazzjoni. Minħabba l-iskedi ta' żmien attwali tal-proġett, din l-iskadenza ġdida proposta tippermetti implimentazzjoni aktar ordnata biex jiġi ffinalizzat l-ikkuntrattar ta' tranżazzjonijiet diġà approvati.

Emenda 141
Erik Poulsen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a Fl-Artikolu 13(7), is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard ***minn sena wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni rilevanti ta' finanzjament jew ta' investiment mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni***. F'każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.	Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard ***mill-31 ta' Awwissu 2026***. F'każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.

Or. en

(32021R0523)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tindirizza tħassib tal-BEI relatat mal-frontloading furzat tal-proġetti InvestEU ffinanzjati minn Next Generation EU.

Emenda 142
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1a Fl-Artikolu 13(7), is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard ***minn sena wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni rilevanti ta' finanzjament jew ta' investiment mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni***. F'każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.	Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) skont il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard ***mill-31 ta' Awwissu 2026. F'każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.***

Or. en

Emenda 143
Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test attwali	*Emenda*
Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) ***skont il-garanzija*** tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati mhux aktar tard ***minn sena wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni rilevanti ta' finanzjament jew ta' investiment mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni***. ***F'każijiet oħra***, ***kuntratti*** bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.	Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) ***fl-ambitu tal-garanzija*** tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati ***sa*** mhux aktar tard ***mill-31 ta' Awwissu 2026***. ***Fil-każijiet l-oħra***, ***il-kuntratti*** bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.

Or. it

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0523&from=GA)

Emenda 144
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt (h)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1b Fl-Artikolu 17(2), il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet skont il-garanzija tal-UE;	(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u ta' investiment*** skont il-garanzija tal-UE***, filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta' rapportar u monitoraġġ kif ukoll jiġu minimizzati l-kostijiet tagħhom, mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi rispettivi ta' InvestEU***;

Or. en

(32021R0523)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi rekwiżiti ta' rapportar u monitoraġġ finanzjarji u operazzjonali proporzjonati fil-ftehim ta' garanzija, mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi rispettivi ta' InvestEU.

Emenda 145
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt (h)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1b Fl-Artikolu 17(2), il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet skont il-garanzija tal-UE;	(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u ta' investiment*** skont il-garanzija tal-UE***, filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' rapportar ikunu proporzjonati u jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta' InvestEU, filwaqt li jiġu minimizzati l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati u għall-benefiċjarji finali kollha, f'konformità mal-objettiv tal-Unjoni li jitnaqqas il-piż amministrattiv***;***"***

Or. en

Emenda 146
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt (h)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1b. Fl-Artikolu 17(2), il-punt (h) huwa ssostitwit b'dan li ġej:
(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet skont il-garanzija tal-UE***;***	(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u ta' investiment*** skont il-garanzija tal-UE***, filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità tar-rekwiżiti ta' rapportar u jiġu minimizzati l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji finali kollha."***

Or. en

Emenda 147
Denis Nesci
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 17 - paragrafu 2 – punt (h)

Test attwali	*Emenda*
(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet skont il-garanzija tal-UE;	"(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u investiment*** skont il-garanzija tal-UE***, filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' rapportar ikunu proporzjonati u jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta' InvestEU, filwaqt li jiġu minimizzati l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji finali kollha, f'konformità mal-objettiv tal-Unjoni li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi***;"

Or. it

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0523&from=GA)

Emenda 148
Alfred Sant

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 2021/523
Artikolu 28 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Darba fis-sena, kull sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, imqassam skont il-kompartiment tal-UE u l-kompartiment tal-Istati Membri, kif xieraq. Kull sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni dwar il-kompartiment tal-Istati Membri lill-Istat Membru li jkun qiegħed jimplimenta l-kompartiment tiegħu. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data operazzjonali, statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà dwar kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment u stima tal-flussi ta' flus mistennija, fil-livell tal-kompartiment, tat-tieqa ta' politika u tal-Fond InvestEU. Ir-rapport mill-Grupp tal-BEI u, jekk ikun xieraq, mis-sħab ta' implimentazzjoni, għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni dwar l-ostakli għall-investiment li rriżultaw fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament. Ir-rapporti għandu jkun fihom l-informazzjoni li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu skont il-punt (a) tal-Artikolu 155(1) tar-Regolament Finanzjarju.	4. Darba fis-sena, kull sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, imqassam skont il-kompartiment tal-UE u l-kompartiment tal-Istati Membri, kif xieraq. Kull sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni dwar il-kompartiment tal-Istati Membri lill-Istat Membru li jkun qiegħed jimplimenta l-kompartiment tiegħu. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data operazzjonali, statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà***, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe awditi disponibbli*** dwar kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment u stima tal-flussi ta' flus mistennija, fil-livell tal-kompartiment, tat-tieqa ta' politika u tal-Fond InvestEU. Ir-rapport mill-Grupp tal-BEI u, jekk ikun xieraq, mis-sħab ta' implimentazzjoni, għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni dwar l-ostakli għall-investiment li rriżultaw fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament. Ir-rapporti għandu jkun fihom l-informazzjoni li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu skont il-punt (a) tal-Artikolu 155(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Or. en